9 ta' Mejju 2014

Is-Sur Pierre Cassar
Kap Eżekuttiv
Awtorità tax-Xandir
7, Triq Mile End,
Il-Ħamrun

Sur Cassar,

Qiegħed formalment inressaq ilment dwar servizz li xxandar fil-bullettin tal-aħbarijiet ta' TVM nhar it-Tnejn, 5 ta' Mejju, dwar allegazzjonijiet li għamel il-Prim Ministru dwar it-*track record* tal-Partit Nazzjonalista fil-kisba ta' fondi tal-Unjoni Ewropea għal Għawdex.

Fis-servizz tal-aħbarijiet tal-5 ta' Mejju, is-servizz jirrapporta li:

> "*Dwar Għawdex, il-Mexxej Laburista insista li l-Kap tal-Oppożizzjoni għandu jerfa' r-responsabbiltà talli ħeba li l-Kummissjoni Ewropea ma aċċettatx it-talba tal-Gvern Nazzjonalista li Għawdex ikun meqjus bħala reġjun biex ikun intitolat għal iżjed għajnuna. Qal li r-rapport dwar dan qabel l-aħħar elezzjoni nżamm mistur.*"

Il-PBS kien diġà rrapporta lill-Prim Ministru jgħid dan id-diskors nhar is-Sibt, 26 ta' April fl-aħbarijiet tal-23:00 u nhar il-Ħadd, 27 ta' April. Minkejja li l-Partit Nazzjonalista kien wieġeb nhar il-Ħadd, 27 ta' April, il-PBS għażel li jinjora r-risposta tiegħu.

Għaldaqstant, id-deċiżjoni tal-PBS li jirrepeti l-istess aħbar nhar it-Tnejn, 5 ta' Mejju huwa fih innifsu abbuż iv, għaliex il-liġi tipprojbixxi r-repetizzjoni tal-aħbarijiet. Agħar minn hekk, il-PBS għażel li jirrepeti aħbar skorretta li diġà kienet ġiet imwieġba mill-Partit Nazzjonalista, liema reazzjoni l-PBS għażel li jirrapportax biex iċ-ċittadin jasal għall-konklużjoni hu wara li jkun sema' l-partijiet kollha konċernati.

Dan huwa każ ieħor sfaċċat ta' żbilanċ mill-PBS kontra l-Partit Nazzjonalista u għalhekk il-Partit Nazzjonalista qed jitlob li l-Awtorità tax-Xandir tintervjeni minnufih. Peress li ninsabu f'kampanja elettorali, nitolbok tappunta dan l-ilment għas-smigħ mill-aktar fis possibbli.

Inselli għalik,

David Herrera
Direttur Informazzjoni

**Partit Nazzjonalista**
Triq Herbert Ganado, Pietà PTA 1450, Malta • Tel: +356 2124 3641 • Fax: +356 2124 3640 • Email: pn@pn.org.mt
Member of the European People's Party • Member of the Christian Democrat International • Member of the International Democrat Union
www.pn.org.mt